MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1354/2003

**Godfrey u Carmen Konjugi Sapiano**
**Vs**
**Mark Micallef**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna ghall-hlas tas-somma ta' Lm1320 (elf, tliet mija u ghoxrin lira maltin) rapprezentanti depoziti fuq kunvenju li skada.**

**Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittri bonarji datati 5 ta' Marzu, 2003; 16 ta' April, 2003; 15 ta' Mejju 2003; 7 ta' Gunju, 2003 u tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Marzu, 2003 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u bl-interessi kontra il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-atturi lill-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut, fit-13 ta' Ottubru, 2003 naqas u ma deherx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------